## GĦELUQ IS-SENA MILL-MEWT TA' MISSIERI

*Ta'* Clo. Gauci

Għebet ġa sena w għadni nhewden fuqek.
Li x-xbieha tiegħek minn għajnejja tgħib,
Le, ma jkun qatt missier, għalkemm is-snin
Jitgerrbu fuq xulxin fil-milja tagħhom.
Kollox kif ħallejt int; għalkemm fid-deher
Suriti ftit imfarrġa, ma hix mera
Tal-qalb marida li ma tafx b'fejqan.
Ma nistax ngħid li xi kultant nistenna
Xi żjara tiegħek f'dari: kont sikwit
Tittawwal b'ħerqa kbira u 'l qalbi tfarraġ.
Għalhekk minn ħin għal ieħor qisni nisma'
Tidwi f'widnejja; 'ma għalxejn nistenna
Id-deħra tiegħek tfeġġ fil-kmajra tiegħi.
B'dan kollu ma ninsiekx, u għalkemm mejjet
Ġo fija għadha tfawwar dik l-imħabba
Li mlietli 'l qalbi sa minn snin bikrija.
Le, mhux għalxejn ta' kull filgħodu ntajjar
Il-friex ta' soddti u lejn il-maqdes nitlaq
Biex noffri talbi hemm għalik w għal ommi.
U tama sħiħa nħoss illi l-kbir Alla
Qed jisma' talbi; u bi tbissima jiftaħ
Idejh narah biex fil-ħdan safi Tiegħu
Jilqagħkom u jħaddankom dejjem Miegħu.

---

## ĠIRIEN MARJU

*Traduzzjoni mill-Franċiż ta'* Ġeraldu Azzopardi

MARJU qisu ċanfar lilu nnifsu għall-fatt li bit-telfa tiegħu fil-ħolm u l-passjoni s'issa hu mank biss ta ħarsa lejn il-ġirien tiegħu. Li tħallsilhom il-kera kienet tqanqila mekkanika; kulħadd kien ikollu dik l-isfiċċa; iżda hu, Marju, kien messu għamel iżjed. X'inhu! sempliċi ħajt kien jifirdu minn dawn il-bnedmin abbandunati, li jgħixu billi jteftfu bil-lejl mingħajr ma jaraw id-dawl tal-ħajjin; hu ġie f'kuntatt magħhom, nistgħu ngħidu li kien l-aħħar ħolqa tar-razza umana li kienet tmiss



magħhom, hu kien jismagħhom igħixu jew jieħdu n-nifs ma' ġenbu u ma tax kasħom!

Kuljum, f'kull ħin, hu semagħhom minn ġol-blat, jimxu, ġejjin, sejrin, jitkellmu u hu ttarrax! U f'dal-kliem kien hemm it-tnehid li hu ma semax, ħsiebu kien band'oħra, f'ħolm, deħriet impossibbli, f'imħabbiet fis-sema, fi bluhat; u fl-istess ħin bnedmin, ħutu f'Ġesù Kristu, ħutu fil-poplu, kienu qed iġarrbu agunijiet tal-biża' ma' ġenbu! Hu wkoll żidilhom xi ftit it-tbatijiet tagħhom, u kattarhomlhom. L-għaliex li kellhom ġar ieħor, ġar anqas ħalliemi u iżjed josserva, bniedem komuni u karitattiv, ħaġa ċara li kien jilmaħ il-faqar u s-sinjali tad-dwejjaq tagħhom u forsi kieku kienu ilhom miġbura u salvati! Bla dubju huma jidhru baxxi, korrotti ferm, vili kemm jista' jkun, jobogħdu wkoll, iżda huma rari dawk li jaqgħu bla ma jitbaxxew, iżjed hemm punt ieħor, li fih l-imsejkna u l-infami huma mħallta u mħawda f'kelma waħda, kelma tal-biża', "Les Miserables": ta' min hi l-ħtija? U mbagħad, mhux iżjed ma tkun 'l isfel il-waqgħa illi l-karità għandha tkun l-akbar?

---

## INNU TAT-TFAL TAD-DUTRINA

*Ta'* Val. V. Barbara

Mulejna, berikna
U dawlek agħtina,
In-nar tal-għerf tiegħek
Int kebbes ġo fina;
Ħarisna x'ħin aħna
Nitgħallmu d-duttrina,
Biex sewwa nagħrfuk.

Ġo qalbna għatxana
Għall-għerf li ma jxabba'
Int xettel is-siġra
Ta' l-egħżeż imħabba;
Lil ruħna nadifa
Tħallix li tittabba',
Biex sewwa nħobbuk.

F'kull ħsieb illi nsawru
Bla ħadd ma jarana,
F'kull xewqa li tinbet,
Il-barka setgħana
Int sawwab, u qaddes
L-għamil ċkejken tagħna,
Biex sewwa naqduk.

Irridu li taħkem
Int biss fuq kull ġrajja
Li tgħatti ħidmitna;
Żid għinna fit-tlajja'
Tal-għerf u l-qdusija,
Biex wara dil-ħajja
Fis niġu ngawduk.